



Il-Lussemburgu, 08.03.2023

**REF.:** CDT-AST4-2023-01  
**Assistent Service Desk**

**GRAD:** AST4

**DIPARTMENT:** Dipartiment tal-IT

**POST TAL-IMPJIEG:** Il-Lussemburgu

---

Il-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il-quddiem iċ-“Ċentru tat-Traduzzjoni”) għie stabbilit fl-1994 biex jipprovdi servizzi ta' traduzzjoni għall-korpi varji tal-Unjoni Ewropea. Huwa bbażat fil-Lussemburgu. Mit-twaqqif tiegħu, l-ammont ta' xogħol taċ-Ċentru żdied b'mod konsiderevoli, u issa jimpjega madwar 200 persuna.

Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-Dipartiment tal-IT – u b'mod partikolari tat-Taqsima tas-Service Desk, iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni qed jorganizza proċedura ta' selezzjoni bil-ħsieb li tiffassal lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' aġenti temporanji skont l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> bħala Assistent Service Desk.

Il-pjattaforma tal-informatika tal-klijenti (stazzjonijiet tax-xogħol) taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni hija bbażata fuq is-sistema operattiva Microsoft Windows, Microsoft Office 2019 u 365 (Outlook u Teams), u applikazzjonijiet operattivi żviluppati internament.

### **NATURA TAL-KOMPITI**

Taħt l-awtorità diretta tal-Kap tat-Taqsima “Service Desk”, il-kandidat magħżul se jkollu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

- a) Assistenza lis-superjur ġerarkiku: tingħata assistenza lill-Kap tat-Taqsima Service Desk fil-ġestjoni ta' kuljum tas-servizz; l-aġġornament tad-dokumenti amministrattivi u tekniċi u jingħata kontribut għall-atmosfera pożittiva u ta' fiduċja fuq il-post tax-xogħol, biex tkompli titjeb il-kwalità tal-funzjonament tas-servizz.

---

<sup>1</sup> L-istess lista ta' riżerva tista' tintuża għar-reklutaġġ ta' aġenti temporanji skont l-Artikolu 2(b) u għar-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali skont l-Artikolu 3bis tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. L-aġenti interni ingaġġati bħala aġenti temporanji skont l-Artikolu 2(f) tas-CEOS (grupp ta' funzjonijiet AST) jistgħu jużaw din il-pubblikazzjoni bħala mezz ta' publikazzjoni interna.

b) Attivitajiet ta' ġestjoni u ta' monitoraġġ :

- Assistenza lill-utenti :
  - Jissorvelja l-**inċidenti tal-utenti** relatati mat-tagħmir u s-software użati fiċ-Ċentru (appoġġ għad-dominji kollha tal-livell 1; appoġġ tat-2 livell fuq is-sistema operazzjonali tal-klijenti u s-software tal-uffiċċju standard), sabiex jiġi żgurat appoġġ ta' kwalità għolja għall-utenti; jintgħarfu l-problemi żgħar u ta' darba mill-problemi kbar.
  - Jeżegwixxi t-**talbiet għal servizzi** mdaħħla fil-katalgu tas-Service Desk.
- Parteċipazzjoni fl-azzjonijiet u l-proġetti tas-Sistema tas-Service Desk u l-Grupp ta' Ġestjoni tal-Windows, u b'mod partikolari l-ġestjoni ta' :
  - Direttorju Attiv
  - Id-drittijiet u l-privileġġi tal-utenti
  - Il-pjattaforma tal-Microsoft System Center
  - Servizzi Office 365
  - Tas-sigurtà tal-ambjenti Microsoft
- Dokumentazzjoni u taħriġ: jiffasslu d-**dokumentazzjoni teknika** u l- **manwali tal-utent** u jingħata **taħriġ** dwar l-ambjent informatiku taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni.

**A. Kriterji ta' selezzjoni:**

Il-proċedura ta' selezzjoni hi miftuħa għall-kandidati, li, sa 05.04.2023, id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kriterji li ġejjin :

**(1) KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ**

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istat Membri tal-Unjoni Ewropea ;

Kwalifiki u esperjenza professjonali :

- Livell ta' edukazzjoni postsekondarja ta' **mill-inqas sentejn ta' studji**, attestati b'diploma, segwita minn **mill-inqas sitt snin** ta' esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom **mill-inqas tliet snin** ikunu rilevanti għad-dmirijiet deskritti f'din il-proċedura,

jew

- Edukazzjoni sekondarja attestata b'diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni postsekondarja, segwita minn **mill-inqas disa' snin** ta' esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom **mill-inqas tliet snin** huma rilevanti għad-dmirijiet deskritti f'din il-proċedura

- Għarfien lingwistiku : għarfien profund ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni (mill-inqas il-livell C1) u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet (mill-inqas il-livell B2)<sup>2</sup>.

---

<sup>2</sup> Dan il-livell huwa definit skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL).

## (2) KOMPETENZI TEKNIĊI :

- Konoxxenzi prattiċi tal-prodotti ta' segwitu Microsoft System Center ;
- Għarfien tajjeb tal-Active Directory ;
- Għarfien tajjeb tas-sigurtà u taċ-ċibersigurtà tal-informatika ;
- Għarfien tajjeb tat-teknoloġiji LAN/WAN ;
- Esperjenza ppruvata ta' mill-inqas tliet snin fl-appoġġ tal-IT lill-utenti fuq il-pjattaforma tal-Microsoft (Windows, Office 2019/2021 u Office 365);
- Għarfien tajjeb ta' għodda għall-ġestjoni tal-Inċidenti u tat-Talbiet ta' servizzi;
- Ċertifikazzjoni ITIL ;
- Esperjenza estensiva fil-qasam tat-tfassil ta' dokumentazzjoni teknika maħsuba għall-utenti ;
- Għarfien tal-Ingliš (livell B2).

## (3) KOMPETENZI TEKNIĊI MIXTIEQA

- Idea tajba ta' Microsoft SharePoint ;
- Għarfien tajjeb ta' Microsoft System Center Service Manager ;
- Kmand tajjeb ta' PowerShell u VBScript ;
- Esperjenza fl-użu ta' għodda ta' ġestjoni tal-istazzjonijiet tax-xogħol (Microsoft System Center Configuration Manager jew oħrajn);
- Għarfien tal-Franċiż (mill-inqas livell A2).

## (4) ĦILJET PERSONALI

- Sens interpersonal : abilità ta' ħidma f'tim, sens ta' kuntatt, ħila ta' ħidma f'ambjent multilingwi ;
- Sens ta' responsabbiltà: diskrezzjoni, rispett tal-kunfidenzjalità, rigorożità, disponibbiltà, rapidità u puntwalità.
- Ħiliet organizzazzjonali: abilità fil-ġestjoni ta' kompiti differenti u fl-istabbiliment tal-prijoritajiet, sens ta' metodoloġija u ta' inizzjattiva, versatilità ;
- Kapaċità ta' adattament: abilità ta' assistenza u ta' ħidma taħt pressjoni, kapaċità ta' taġħlim u ta' adattament għall-bidliet tal-ambjent tal-informatika.

## B. Proċedura ta' selezzjoni

### (1) FAŻI TA' QABEL IS-SELEZZJONI

Il-fażi ta' qabel is-selezzjoni se ssir f'żewġ stadji:

- L-ewwel stadju huwa bbażat fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija hawn fuq [ara l-punt A(1)] u għandu l-għan li jiddetermina jekk il-kandidat jissodisfax il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà obbligatorji u r-rekwiżiti formali kollha stabbiliti fil-proċedura ta' applikazzjoni. Il-kandidati li ma jissodisfawx dawn il-kriterji u r-rekwiżiti se jiġu esklużi.
- It-tieni stadju se jqis l-esperjenza professjonali u l-ħiliet tekniċi [il-punt A(2)]. Jingħata punteġġ ta' bejn 0 u 20 fi tmiem dan l-istadju (minimu meħtieġ: 12).

Il-Kumitat ta' Selezzjoni se jistieden għall-fażi ta' selezzjoni l-15-il kandidat li jkunu għaddew mill-fażi ta' qabel is-selezzjoni u li jkunu kisbu l-ogħla punteġġi.

## (2) FAŻI TA' SELEZZJONI

Il-fażi ta' selezzjoni se ssir f'żewġ stadji :

(i) Test bil-miktub (bl-Ingliż) li jikkonsisti fi :

- Kwestjonarju b'għażla multipla biex jiġu vvalutati l-ħiliet tal-kandidati fl-oqsma elenkati fil-punti A(2) u A(3).

Fin allokati: 30 minuta

- Studju tal-każ biex jiġu vvalutati l-ħiliet tal-kitba, il-ħiliet analitiċi u l-ħiliet tal-kandidati fl-oqsma msemmija fil-punti A(2) u A(3).

Fin allokati: siegħa u nofs

It-test bil-miktub se jkollu total ta' 20 marka: 8 marki se jingħataw għall-kwestjonarju b'għażla multipla u 12-il marka se jingħataw għall-istudju tal-każ. Il-punteġġ minimu meħtieġ għall-eżami bil-miktub huwa ta' 12-il punt.

Jekk jogħġbok innota li l-kandidati li l-lingwa ewlenija tagħhom hija l-Ingliż iridu jgħaddu mill-eżami bil-miktub fit-tieni lingwa tagħhom.

(ii) Intervista mal-Kumitat ta' Selezzjoni biex tiġi evalwata l-abbiltà tal-kandidati li jwettqu l-kompiti deskritti fil-bidu tad-dokument. L-intervista se tippermetti wkoll li jiġi eżaminat f'aktar dettall l-għarfien speċjalizzat tal-kandidati kif ukoll il-kompetenzi tagħhom fl-oqsma msemmija fil-punti A(2), A(3) u A(4).

Jekk jogħġbok innota li huma biss il-kandidati li jkunu kisbu l-punteġġ minimu meħtieġ fl-eżami bil-miktub li se jiġu mistiedna għal intervista.

Il-parti l-kbira tal-intervista se ssir bl-Ingliż. L-għarfien ta' lingwi oħrajn indikati mill-kandidati jista' jiġi ttestjat ukoll.

L-intervista se ddum madwar 40 minuta u se tkun immarkata minn 20 marka (punteġġ minimu meħtieġ: 12).

It-test bil-miktub u l-intervista se jsiru fil-Lussemburgu jew mill-bogħod.

L-applikanti li jiġu mistiedna jagħmlu t-testijiet jirċievu l-informazzjoni kollha rilevanti f'ħin xieraq.

Ladarba t-test bil-miktub u l-intervista jkunu ġew immarkati, il-Kumitat ta' Selezzjoni jfassal lista ta' riżerva tal-kandidati magħżula f'ordni alfabetika. Il-kandidati magħżula huma dawk li jkunu laħqu l-minimu meħtieġ għall-eżamijiet kollha bil-miktub u għall-minimu meħtieġ għall-intervista [ara l-punti B (2)(i) u B (2)(ii)]. L-applikanti huma mitluba jkunu jafu li l-inklużjoni fil-lista ta' riżerva ma tikkostitwixxi garanzija ta' reklutaġġ.

Il-kandidati mistiedna għat-testijiet iridu jissottomettu dakinhar tal-intervista, id-dokumenti ta' sostenn rilevanti li jikkorrispondu mal-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni, jiġifieri prova tan-nazzjonalità, kopji ta' diplomi, ċertifikati u dokumenti oħra li jiċċertifikaw il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tagħhom, li jindikaw b'mod ċar id-dati tal-bidu u tat-tmiem, il-pożizzjoni mwettqa, in-natura eżatta tad-dmirijiet tagħhom, eċċ. Jekk it-testijiet isiru mill-bogħod, il-kandidati jistgħu jibagħtu kopja tad-dokumenti ta' sostenn imsemmija hawn fuq permezz ta' email lil [E-Selection@cdt.europa.eu](mailto:E-Selection@cdt.europa.eu)

Qabel ma jstabilixxi l-lista ta' riżerva, il-Kumitat ta' Selezzjoni jeżamina d-dokumenti ta' sostenn tal-kandidati li jkunu għaddew mill-intervista u mit-testijiet bil-miktub.

Madankollu, qabel il-firma tal-kuntratt, il-kandidati magħżula ser ikollhom jipprovdu l-kopji oriġinali u kopji ċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tal-kriterji ta' eliġibbiltà.

Jekk, fi kwalunkwe mument tal-proċedura ta' selezzjoni jew ta' reklutaġġ, jiġi skopert li l-informazzjoni pprovduta f'kandidatura kienet intenzjonalment iffalsifikata, il-kandidat jiġi skwalifikat.

Il-kandidati jiġu skwalifikati wkoll jekk:

- ma jissodisfawx il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà fid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet;
- ma jipprovdwx id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa;

Il-lista ta' riżerva se tkun valida sal-31.12.2023 u dan il-perjodu jista' jiġi estiż skont id-diskrezzjoni tal-awtorità taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti ta' impjieg.

### **C. Reklutaġġ**

Skont is-sitwazzjoni baġitarja, il-kandidati magħżula jistgħu jiġu offruti kuntratt ta' tliet snin (li jista' jerġa' jiġġedded) f'konformità mal-Kondizzjonijiet ta' Impjegi applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. Il-kandidat magħżul jista' jkun meħtieġ jitleb approvazzjoni tas-sigurtà, jekk il-livell ta' kunfidenzjalità tax-xogħol ikun jeħtieġ dan.

Il-kandidati magħżula ser ikunu reklutati fil-grupp tal-funzjonijiet/grad AST4. Is-salarju mensili bażiku korrispondenti għall-grad AST4 (stadju 1) huwa EUR 4,739.00. Minbarra s-salarju bażiku, il-membri tal-persunal jista' jkollhom id-dritt għal diversi gratifiki, bħall-gratifika tal-unità domestika, benefiċċju ta' espatriazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), eċċ.

Barra minn hekk, sabiex ikun eliġibbli, u qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul għandu:

- ikun wettaq kwalunkwe obbligu impost mil-liġi li tirregola s-servizz militari;
- ikun issodisfa r-rekwiżiti tal-karattru meħtieġa għall-kompiti involuti (igawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin)<sup>3</sup>;
- jagħmel eżami mediku organizzat miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni biex jissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

### **D. Proċedura ta' applikazzjoni:**

Il-kandidati interessati jridu jimlew l-applikazzjoni tagħhom online f'Systal ([https://aa251.referrals.selectminds.com/?lset=en\\_US](https://aa251.referrals.selectminds.com/?lset=en_US)) qabel l-iskadenza.

Nirrakkomandaw bis-sħiħ li l-kandidati ma jistennewx sal-aħħar f'tit jiem biex japplikaw. L-esperjenza wriet li s-sistema tista' tkun mgħobbija żżejjed aktar ma toqrob id-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Għaldaqstant jista' jagħti l-każ li jkun diffiċli tapplika fil-ħin.

Il-kandidati għandhom jindikaw il-lingwa prinċipali tagħhom u t-tieni lingwa tagħhom fl-applikazzjoni tagħhom. Din l-informazzjoni se titqies biex tiġi ddeterminata l-lingwa għat-test bil-miktub.

### **OPPORTUNITAJIET INDAQS**

lċ-Ċentru tat-Traduzzjoni japplika politika ta' opportunitajiet indaqs fl-impjieg u jirrekluta kandidati irrispettivament mill-età, ir-razza jew it-tweemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, is-sess jew l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltà, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja tagħhom.

---

<sup>3</sup> Il-kandidati għandhom jipprovdwx ċertifikat uffiċjali ta' kondotta nadifa.

## INDIPENDENZA U DIKJARAZZJONI TA' INTERESS

Il-kandidat magħżul ser ikun mitlub jaġmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b' mod indipendenti fl-interess pubbliku, kif ukoll dikjarazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe interess li jista' jkun ikkunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu.

## E. Informazzjoni ġenerali

### RIEŻAMI - APPELL - LMENTI

Il-kandidati li jqisu li huma ġġustifikati li jippreżentaw lment kontra deċiżjoni partikolari, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' selezzjoni jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali dwar din id-deċiżjoni lill-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni, iressqu appell jew jirreferu l-kwistjoni lill-Ombudsman Ewropew (ara l-Anness I).

### TALBIET MILL-KANDIDATI GĦAL AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI LI TIKKONĊERNAHOM

Fil-kuntest tal-proċeduri ta' selezzjoni, il-kandidati għandhom dritt speċifiku ta' aċċess għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment. Bis-saħħa ta' dan id-dritt, il-kandidati li jitolbu dan jistgħu jingħataw informazzjoni addizzjonali dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' selezzjoni. L-applikanti għandhom jibagħtu t-talba tagħhom bil-miktub lill-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni fi żmien xahar wara n-notifika tar-riżultati miksuba fil-kuntest tal-proċedura ta' selezzjoni. It-tweġiba taslihom fi żmien xahar. It-talbiet ser jiġu indirizzati filwaqt li titqies in-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-Kumitat ta' Selezzjoni skont r-Regolament.

### PROTEZZJONI TA' DATA PERSONALI

l-Ċentru tat-Traduzzjoni (bħala l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-proċedura ta' selezzjoni) għandu jiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata b'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39). Dan japplika b' mod partikolari għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà ta' tali *data*.

Il-kandidati għandhom id-dritt li jirrikorru fi kwalunkwe ħin għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ([edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)).

Jekk jogħġbok irreferi għall-[istqarrija speċifika dwar il-privatezza](#).

Peress li r-Regolament japplika għall-proċeduri ta' selezzjoni, kun af li l-proċeduri ġudizzjarji kollha huma kunfidenzjali. Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' selezzjoni, il-kandidati jqsu li l-interessi tagħhom ġew ippreġudikati minn deċiżjoni speċifika, huma jistgħu jużaw ir-rimedji li ġejjin:

### **I. TALBIET GĦAL KJARIFIKI JEW GĦAL RIEŻAMI**

- Jissottomettu talba għal dettalji jew għal rieżami f'ittra motivata u jindirizzawha kif ġej:

#### **Għall-attenzjoni tal-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni CDT-AST4-2023-01**

Ċentru tat-Traduzzjoni  
Bâtiment Technopolis Gasperich  
Bureau 3077  
12 E, rue Guillaume Kroll  
L-1882 Luxembourg

fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-data li fiha tintbagħat l-ittra li tinfirmahom bid-deċiżjoni. Il-Kumitat ta' Selezzjoni jikkomunika t-tweġiba tiegħu mill-aktar fis possibbli.

### **II. PROĊEDURI TA' APPELL**

- Għandu jitressaq ilment skont l-Artikolu 90(2), tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u jiġi indirizzat hekk:

#### **Għall-attenzjoni tal-Awtorità awtorizzata li tikkonkludi kuntratti ta' impjeg**

#### **CDT-AST4-2023-01**

Ċentru tat-Traduzzjoni  
Bâtiment Technopolis Gasperich  
Bureau 3077  
12 E, rue Guillaume Kroll  
L-1882 Luxembourg

It-termini previsti (ara r-Regolamenti tal-Persunal <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20180101:FR:PDF>) jibdwu jgħoddu min-notifika lill-kandidat tal-att li allegatament jikkawżalu preġudizzju.

Il-kandidati huma mitluba jinnutaw li l-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ mhix intitolata tibdel id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-diskrezzjoni wiesgħa tal-bordijiet ta' selezzjoni ma tkunx soġġetta għal rieżami mill-Qorti tal-UE sakemm ma jkunx hemm ksur ċar tar-regoli li jirregolaw ix-xogħol tagħhom.

### **III. LMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW**

- Il-kandidati jistgħu jindirizzaw l-ilment tagħhom lill-:

#### **European Ombudsman**

1 avenue du Président-Robert-Schuman – CS 30403  
F-67001 Strasbourg Cedex

skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweġiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1–10).

Il-kandidati huma mitluba jinnutaw il-fatt li r-riferiment lill-Ombudsman ma jissospendix il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 90(2) u fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti biex titressaq talba jew appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-kandidati huma mitluba wkoll jinnutaw li, skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-

kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (l-Istatut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom, kwalunkwe lment imressaq lill-Ombudsman irid ikun ġie preċedut mill-approċċi amministrattivi xierqa lill-istituzzjonijiet u lill-korpi kkonċernati.